**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Lulju, 2019

Rikors Nru : 312/18 AL

**A B sive C D maghruf ukoll bhala C D E**

***-vs-***

**F G maghrufa bhala G D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax (17) ta' Marzu tas-sena elf, disgha mija disa' u sebghin (1979) kif jirrizulta mic-certfikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A;
2. Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal, H u I, it-tnejn maggjorenni;
3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-erba' u ghoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u

erbatax (2014) pubblikat fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani anness u mmarkat Dokument B;

4. Illi l-partijiet ilhom ‘il fuq minn erba’ (4) snin ma jghixux flimkien;
5. Illi m’hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom aktar minn erba’ (4) snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi ai termini tal-Artikolu 2 tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni hemm bilanc pendenti ghall-manteniment dovut lill-intimata li ser jigi saldat sad-data tas-smigh ta’ dan ir-rikors;
7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha ddikjarat illi hija ma topponix ghat-talbiet tar-rikorrent kif dedotti diment li kif anke premess mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu, huwa jhallasha l-bilanc pendenti ghall-manteniment dovut a tenur tal-kuntratt ta’ separazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta’ Lulju, 2018;

Rat ir-risposta tal-intimata fejn oġġezzjonat li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi r-rikorrenti kien fadallu jħallasha bilanċ pendenti għall-manteniment dovut a tenur tal-kuntratt ta’ separazzjoni;

Illi l-Qorti rat li fil-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju, 2019, l-intimata debitament assistita ddikjarat li r-rikorrenti ħallas il-pendenzi kollha u għalhekk, ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha ta' arretrati ta' manteniment li kienu dovuti lilha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti rnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha sabiex żwieġ jiġi maħlul peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Frar, 2014 u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.